




Mill-istorja tal-Parroċċa tagħna

# Qassisin Aħwa Mostin

Minn Joseph Borg

Għall-grazzja t'Alla, Sid il-ħsad, ma naqas qatt li jibgħat ħaddiema jaħdmu fl-għalqa tiegħu li għandu f'din il-Parroċċa tagħna, li matul din is-sena qegħda tfakkar ferħana għeluq l-400 sena mit-twelid tagħha.

Il-Mosta qatt ma kienet nieqsa mis-saċerdoti u kien hemm żminijiet li n-numru tagħhom kien tassew abbundanti, tant li l-Parroċċa tagħna baqgħet magħrufa għall-kleru kbir li kellha u għadha sal-lum tgawdi minn din il-fama li kisbet tul is-snin. Kienet u għadha grazzja li omm u missier jilħqilhom binhom saċerdot; grazzja ikbar jekk dawn il-ġenituri jkollhom iżjed minn saċerdot wieħed. Tul il-medda twila ta' erba' sekli li ilha teżisti l-Parroċċa tagħna, niltaqgħu wkoll ma' għadd ta' aħwa qassisin Mostin li min jaf kemm ħadmu f'din il-Parroċċa.

## Is-Seklu Tmintax

Matul dan is-seklu niltaqgħu ma' l-aħwa qassisin Dun Dumink u ħuh Dun Lawrenz Abela. Dun Dumink miet fid-29 ta' Jannar 1735 fl-għomor ta' 78 sena. Ħuh Dun Lawrenz Abela D.D. leħaq Kappillan tal-Mosta (1697-1742) u miet ta' 89 sena nhar it-28 ta' Frar 1742 wara Parrokat ta' kważi 45 sena. Barra li kellu l-itwal parrokat bħala Kappillan ta' ħutu l-Mostin baqa' jissemma għall-għerf tiegħu billi kien saħansitra professuri tal-Lingwi Għarbi u Lhudi.

Niltaqgħu imbagħad ma' l-aħwa Dun Ewġenju u Dun Fabrizju Busuttil. Dun Ewġenju leħaq Kappillan ta' Ħal Għargħur u miet fit-13 ta' Jannar 1726. Dun Fabrizju miet fl-20 ta' Jannar 1748.

Lejn tmien is-seklu Tmintax kellna lil Dun Nazju Pullicino li miet fl-20 ta' April 1792. Dan kellu ħuh, il-Kjeriku Ġużeppi Pullicino li ħalla din id-dinja xahar wara ħuh, sewwasew nhar is-26 ta' Mejju 1792.

## Is-Seklu Dsatax

Bejn l-aħħar tas-Seklu Tmintax u l-bidu tas-Seklu Dsatas kellna l-aħwa, id-djaknu Ewġenju Mangion li miet żgħażugħ fl-1743 uħuh Dun Feliċ Mangion li miet fl-14 ta' April 1805. Dawn kienu jiġu wlied in-Nutar Bartilimew Mangion. Żewġ aħwa qassisin oħra li għexu għall-ħabta tal-bidu tas-Seklu Dsatax, kienu Dun Ġakbu Pullicino u ħuh Dun Franġisk. Dun Ġakbu miet fit-13 ta' Mejju 1800, filwaqt li ħuh Dun Franġisk miet fid-9 ta' Marzu 1809.

Dik il-ħabta li kienet qegħda timbena r-Rotunda, niltaqgħu man-Nutar Dr. Franġisku Chetcuti u martu Anna, it-tnejn midfunin fil-Kappella ta' San Ġużepp ġewwa r-Rotunda, fejn għandhom lapida sabiħa tfakkarhom. Dan in-Nutar kien ġie magħżul bħala segretarju u bħala dak li jara l-kontijiet filwaqt li kienet timbena r-Rotunda ta' Grongnet.

Din il-koppja Mostija hekk ixxurtjata kellha l-unur li erba' minn uliedha jsiru saċerdoti. Dawn kienu Dun Tumas, Dun Ġlormu, Dun Ġużepp u Dun Salv. Dun Ġużepp D.D. u Dun Ġlormu D.D. laħqu t-tnejn Kanonċi Kapitulari tal-Katidral u baqgħu magħrufin għall-għerf tagħhom. Dun Tumas miet fl-14 ta' April 1873. Mons. Dun Ġużepp miet fl-1 ta' Ġunju 1876. Mons. Dun Ġlormu miet fis-16 ta' Awissu 1886 filwaqt li Dun Salv miet fit-28 ta' Marzu 1888. Flimkien mal-familjari tagħhom kienu kollha benefatturi tal-Kappella ta' San Ġużepp ġewwa r-Rotunda fejn għandhom tfakkarhom lapida mill-isbaħ xogħol ta' l-aħwa Darmanin bix-xbiha ta' Salamun, is-Sultan għaref ta' Israel.

Il-Kappillan Dun Ġammari' Schembri li tant tħabat biex inbniet ir-Rotunda miet fis-sena ta' qabel ma kienu għalqu l-Koppla, nhar it-28 ta' Settembru 1859 ta' 60 sena. Dan ukoll kellu ħuh qassis, iżgħar minnu, Dun Salv Schembri li miet fl-14 ta' Marzu, 1888.

## Is-Seklu Għoxrin

Tul dan is-seklu kellna wkoll izjed aħwa saċerdoti Mostin. L-ewwel tnejn minnhom għaqqdu s-sekli 19 u 20; dawn kienu Dun Ġużepp Said li miet fit-3 ta' Jannar 1893 u ħuh Dun Mikiel Anġ Said li miet fis-16 ta' Ottubru 1904. Niltaqgħu imbagħad ma' żewġ aħwa oħra, li kienu Dun Anton Ellul u ħuh Dun Piet, Dun Anton Ellul miet fil-11 ta' April 1930. Ħuh Dun Piet miet fis-6 ta' Marzu 1943 lejn tmiem it-Tieni Gwerra Dinija.

Qassisin aħwa Mostin oħrajn kienu Dun Baskal Chetcuti u Dun Ġlormu li leħaq Kanonku Kapiturali. Dawn iż-żewġ qassisin kienu magħrufin bħala 'Ta' Danjeli'. Dun Baskal miet fil-21 ta' Settembru 1941 filwaqt li ħuh miet fil-11 t'Awissu 1949.

Żewġ aħwa qassisin mill-iżjed ħabrieka li ħafna minna żgur li għadhom jiftakruhom kienu Dun Anġ Dingli u ħuh Dun Karm, magħruf ukoll bħala Dun Charlie. Dun Anġ Dingli kien il-Viċi tal-Parroċċa u prokuratur tal-Fratellanza tad-Duluri ta' Settembru u bil-wisq imfittex bħala konfessur. Miet nhar is-6 t'April 1984. Dun Karm Dingli kien prokuratur tal-Festa tal-Milied kif ukoll tal-Festi Ewkaristiċi. Kien ukoll prokuratur tal-Festi ta' barra ta' Santa Marija li swewlu tant taħbit. Dun Karm miet fl-1 ta' Mejju 1976. Dun Anġ kien ukoll prokuratur tal-knisja filjali 'Ta' Wejda' filwaqt li ħuh Dun Karm kien jieħu ħsieb il-Knisja ta' l-Isperanza u dik ta' Sant'Andrija. It-tnejn ħadmu fuq li ħadmu għall-ġid tal-Parroċċa.

## Is-Seklu li qegħdin fih

Nagħlqu din il-kitba billi nsemmu wkoll it-tliet aħwa ta' żmienna magħrufin biżżejjed fostna għall-ħeġġa tagħhom bħala saċerdoti ezemplari u mill-iżjed ħabrieka fl-għalqa tal-Mulej. Dawn huma Dun Anton Sciberras tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl u ħutu l-oħra Dun Pawl u Dun Joe. Dun Pawl Sciberras huwa studjuż ta' l-Iskrittura u 'Lecturer' tat-Testment il-Ġdid fl-Universita' ta' Malta. Huwa magħruf fil-Parroċċa tagħna għall-ħeġġa tiegħu biex jgħallem iżjed dwar il-Kotba Mqaddsa. Dun Joe Sciberras huwa l-iżgħar fosthom u jinsab iwettaq xogħol pastorali siewi fil-Parroċċa ta' Pembroke.

Qegħdin din is-sena 2008, niċċelebraw kif jixraq ir-raba' ċentinarju mit-twaqqif tal-Parroċċa għażiża tagħna. 'Il fuq mit-teżori artistiċi li bihom hi mżejna il-Knisja Arċipretali u Santwarju ta' Marija Assunta li għandna, 'il fuq mill-Oratorji u postijiet oħra tat-tagħlim tad-Duttrina, 'il fuq miż-Żoni Pastorali tal-Parroċċa tal-Parroċċa, hemm it-teżori tas-Saċerdoti li l-Mulej tana fl-imgħoddi u għadu jagħtina sal-lum.

J'Alla li fuq l-eżempju ta' tant qassisin ħabrieka li kellha li kellna s'issa l-Mosta, bl-interċessjoni qawwija ta' Marija Mtellgħa s-Sema, ikompli jkollna wkoll ghal li ġej iżjed vokazzjonijiet sa ċerdotali sabiex b'hekk ir-Reliġjon ta' Kristu tibqa' qawwija fostna fil-ġejjieni kif kienet f'dawn l-aħħar erba' sekli li għaddew.

*Referenza u ħajr.*

It-tagħrif dwar l-ismijiet tal-membri tal-kleru tal-Parroċċa tagħna bid-data tal-mewt tagħhom ittieħed mir-reġistru tal-mejtin miżmum fl-Arkivju tal-Parroċċa. Dan it-tagħrif kien ġabru Mons. Salv Magro eks-Prokuratur tal-Knisja u benefattur tagħha li ħallielna fl-aħħar tas-sena li għaddiet. Hu kien għaddieh lil Raymond Grech u dan għadddieh lili. Jien min-naħa tiegħi ħriġt minnu dil-kitba. Ħajr lilhom it-tnejn u 'l Dun Salv, il-Mulej jagħtih il-ġenna.